**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI GŻIRA**

**SEDUTA NUMRU 28 tas-Seba Leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Gżira**

**Il-Ħamis 29 ta' Settembru 2016 fil-5.30PM fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali.**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| Conrad Borg Manche | SINDKU |
| Ralph Mangion | VICI –SINDKU |
| Neville Chetcuti | KUNSILLIER |
| Wayne Hewitt | KUNSILLIER |
| Graziella Schembri | KUNSILLIER |
| Jeremy Cardona | KUNSILLIER |
| Michael Portelli | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |
| Anthony Attard | SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

Il-Kunsillier Joe Galea kien skużata minħabba raġunijiet ta' mard.

1. Is-Sindku qal it-talba.
2. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sur Anthony Attard, li kien preżenti għal-laqgħa, beda fil-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv minn nhar it-Tlieta 20 ta' Settembru.
3. Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li l-kunsillier Joe Galea ma setax jattendi peress illi kellu jidħol l-isptar ftit ġranet qabel il-laqgħa, u li jinsab aħjar u qiegħed lura d-dar. Is-sur Galea kien skużat mil-laqgħa. Il-kunsilliera kollha bagħtu t-tislijiet tagħhom lis-sur Galea.

## 4. Korrezzjonijiet tal-Minuti

4.1 Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi kien għamel talba fil-laqgħa preċedenti biex jirċievi l-Minuti tal-laqgħa wara jumejn, izda ma kien hemm l-ebda referenza għal dan il-punt fil Minuti.

4.2 Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi l-MIDI kitbu xi ħaġa fil-midja [ref. Punt 1.2] fejn qalu li se jkun hemm laqgħa flimkien mal-Gvern. Is-Sindku qal il-Kunsill m'għandux x'jaqsam mall-arranġamenti li se jsiru bejn il-MIDI u l-Gvern. Il-kunsillier Wayne Hewitt irimarka li hu ma kien qed jirraporta xejn bħal m'hemm indikat fil-Minuti izda li kien qed jgħid bis dak illi sema fil-midja.

4.3 Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi f'kaz ta' atti ta' vandalizmu kien inkwetat li nispiċċaw f'sitwazzjoni fejn hemm il-kelma tagħhom kontra l-kelma tagħna, u mhux illi kien inkwetat li jsiru dawn it-tip ta' atti minn naħa taċ-ċittadini li jidħlu f'Manoel Island [ref punt 1.4].

4.4 Il-kunsilliera Graziella Schembri għamlet referenza għal punt 1.7 fejn qalet illi hi staqsiet jekk il-Kunsill għandu s-saħħa biex jiġġieled kontra l-MIDI, jew jekk il-Gvern għandu jieħu ħsieb,

4.5 Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi kien staqsa jekk kollox sar skond il-liġi meta nfetaħ il-gate [ref punt 1.9] u li hu kien favur illi nieħdu azzjoni jekk dan sar skond il-liġi. Is-Sindku qal illi għamel kollox skond il-liġi u li hekk se jibqa jaħdem.

4.6 Il-kunsilliera Graziella Schembri qalet illi ma fhimitx punt 1.13. Hi qalet illi kienet skomda li seta kien il-każ illi saru atti mhux legali meta nfetħet ix-xatba li kien hemm. Kienet skomda minħabba l-konferenza stampa u peress illi ma kinitx taf x'qed jiġri fuq il-każ. Is-Sindku qal illi anqas hu ma kien avzat bil-passi li kienu ippjanaw tal-Kamp Emerġenża Ambjent u kien jaf daqs il-kunsilliera kollha. Is-Sindku qal illi ma kienx informati lanqas hu, izda din seħħet f'daqqa. Kull ma rċieva kien messaġġ fejn l-attivista qalu li se jiftħu l-aċċess u ma kienx jaf min huma. Hu qal illi ħaseb illi kienu rappreżentanti ta' Dipartiment tal-Gvern u sar jaf illi huma attivisti meta wasal fuq il-post.

4.7 Il-kunsillier Jeremy Cardona għamel referenza għal punt 1.16 fejn qal illi tinqara li l-Gżirjani għamlu atti tal-vandelizmu meta ma kienx il-każ. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi l-kelma 'attivisti' għanda tinkiteb minflok 'residenti'.

4.8 Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi kien qed jinkwetaħ il-fatt illi n-nies kellhom jagħdu minn fejn ħadu konċeżżjoni l-MIDI bies jaslu sal-foreshore [ref punt 1.19]. Is-Sindku qal illi kien hemm bil-miktub fil-kuntratt illi kellhom iħallu aċċess għall-foreshore l-ħin kollu.

4.9 Il-kunsillier Wayne Hewitt, b'referenza għall-punt nru 1.22 qal illi l-Kunsill għandu jimxi b'eżempju peress illi huma nies eletti mill-poplu.

4.10 Il-kunsilliera Graziella Schembri qalet illi kienet żiedet punt li ma kienx imniżżel fil-Minuti fejn kienet qalet illi hi favur kull azzjoni legal rigward il-kaz ta' Manoel Island.

4.11 Il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi hu qatt ma qal illi m'hemmx ħinijiet fuq it-tabelli tal-Un/Loading [ref punt 3.2] izda li m'hemm l-ebda tabella fuq dawn il-bays barra l-ħwienet 'Step On' u 'Topsy'. Qal illi hemm biss linji isfar u l-kliem UN/LOADING miktub. Għamel talba biex ikun jaf x'inhuma l-proċeduri meta jsiru dawn it-tabelli.

**Il-kunsilliera Graziella Schembri ħarġet mill-kamra tas-seduti fis-6.15pm bl-approvazzjoni tas-Sindku sabiex tkun tista tirrispondi telefonata personali.**

## 5. Punti mill-Minuti

5.1 Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi skopra li l-kuntrattur [Operations Manager] reġa beda jaħdem fil-korp u t-tifla tiegħu qegħda tieħu ħsieb ix-xogħol tal-Kunsill [ref punt 4.1]. Is-Sindku qal illi fil-fehma tieħgu, skond il-kuntratt, jista jġib replacement. Il-Board tal-adjudication kien talab li min jieħu dan ix-xogħol irid jipprovdi 'replacement'. Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi fil-fehma tiegħu dan għandu jagħżel bejn il-korp u l-Kunsill u talab għall-ispecs tal-kuntratt fejn jgħid illi dan jista jkollu replacement. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi kull ma kien hemm l-Acceptance Letter bħala dokument uffiċjali għall-approvazzjoni tal-Expression of Interest. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi l-kwistjoni hi li r-replacement mhux qed tagħmel xogħol kif suppost. Il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi fil-passat meta dan siefer kienet ħadet ħsieb it-tifla tiegħu, izda hemm differenza bejn ġimgħa u full-time.

5.2 Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi qatt ma rċieva l-ispecs tat-tender tal-handyman, is-sur Charles Spanjol. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi kien ħareġ Expression of Interest u mhux tender.

**Il-Viċi Sindku u l-kunsillier Jeremy Cardona ħarġu mill-kamra tas-seduti fis-6.45pm għal ftit minuti.**

5.3 Il-kunsillier Wayne Hewitt għamel talba biex l-accountant [ref punt 5.1] ikun preżenti fil-laqgħa li jmiss. Dawn għandhom jiġu u jprovdu wkoll il-quarterly report ta' Julju-Sett 2016. L-istess kunsillier qal illi jixtieq ikun jaf kemm ħarġu permessi. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi qegħdin isiru ħafna xogħolijiet mingħajr permess. Il-Viċi Sindku qal illi l-Kunsill qed jitlef il-flus jekk ikompli jsir dan ix-xogħol mingħajr permess. Is-Sindku qal illi dan il-punt [l-Accounts] se jkun imniżżel fl-Aġenda tal-laqgħa li jmiss.

**Il-Viċi Sindku u l-kunsillier Jeremy Cardona daħlu lura fis-6.50pm**

5.4 Is-Sindku qal illi għandna bzonn nixtru vann ġdid [ref punt 5.5]. Il-Kunsill qabel illi nixtru vann bl-ispazju għall-makkinarju [bħal Isuzu]. Il-Kunsill se jagħmel talba għal tlett stimi.

## 6. Korrespondenza

6.1 Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi rċieva aħbar dwar petizzjoni li hemm online kontra s-Sindku minn ċertu wieħed is-sur Else. Is-Sindku qal illi dan beda l-petizzjoni madwar ġimgħa ilu u ta informazzjoni fuq il-każ personali, fejn is-Sindku rebaħ każ kontra dan l-individwu fil-passat, izda li ġara issa m'għandu xejn x'jaqsam ma dak il-kaz kif qed jallega s-sur Else. Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi ma jixtieqx illi l-każ tikber.
Is-Sindku qal illi dan il-persuna kien għamel dispenser madwar ir-raħal u fuqhom kien hemm riklami. Qal illi tneħħiet waħda minnhom għax ma kienx fejn kellu l-permess dan ir-raġel, u li l-Kunsill bagħat lil dan il-persuna biex javzaw li għandu jiġbor id-dispenser mill-Kunsill. Żied illi dan il-persuna kien qed jieħu l-flus għar-riklami u dan kien kontra l-kundizzjonijiet stipulati fil-permess.
Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi dan il-kuntrattur [is-sur Else] qabad u poġġa dispenser quddiem il-ħanut O'Hea mingħajr permess. Il-Kunsill neħħa d-dispenser minn hemm u għamilha fejn suppost [mal-Promenade]. Is-sur Else reġa ħa l-liġi f'idejh u poġġa d-dispenser quddiem tal-pastizzi fejn għamel katina u rabbatha ma' arblu tal-Kunsill.
Il-kunsilliera qablu li jekk dan ħadem bla permess, nieħdu l-azzjoni meħtieġ. Bħala provi tal-ftehim illi kien hemm fil-passat, is-Sindku qara l-Minuti tal-laqgħa [ref KLGZ 004 dated 31 ta' Mejju 2012] fejn hemm miktub 'Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unaniment b'mozzjoni mressqa miċ-Chairman ssekondata mill-Kunsillier John M. Muscat li:

- Gazzetti bla ħlas biss jistgħu jitqiegħdu fl-istands
- Dan il-permess ma jibqax validu jekk l-istands jintużgħaw għall-gazzetti li trid tħallas għalihom f'liema każ, trid terġa tiġi sottomessa applikazzjoni oħra
- Qabel ma jsir l-installar tagħhom, irid isir on-site meeting mal-Viċi Sindku
- Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jiġu mposti kundizzjoni addizzjonali ma' liema, il-kumpanija tkun obligata li tadderixxi altrimenti, din l-applikazzjoni ma tkunx valida.

Iċ-Chairman qal, li l-Kunsill japprova, sakemm il-ġurnal jkun b'xejn u għalhekk jiċċurkula aktar iżda, jekk kemm –il darba din id-ditta titlob ħlas, jiġi rtirat il-permess'.

Il-Viċi Sindku staqsa jekk dan ħallas minn dakinhar. Is-Sindku rrisponda fin-negattiv. Il-Kunsill qabel illi dan iħallas il-multi kif stipula fil-Bye-Law tar-riklami fuq l-Għamara tat-Toroq. Is-Sindku qal illi se jibgħatlu ittra mill-avukat issa rigward il-petizzjoni.
Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi l-Byelaw għanda tiġi enforżata.
Il-Kunsill qabel ukoll illi jekk dawn ma jitneħħewx, il-Kunsill se jirriservja d-dritt illi jneħħihom hu.

## 7 Approvazzjoni ta' pagamenti u xiri ieħor

7.1 Il-kunsillier Wayne Hewitt talab rendikont għall-ħlas dovut lis-sur Manuel Mifsud. Is-Sindku qal illi dan hu l-kuntrattur tal-Bulky u tal-iskart.

7.2 Il-kunsillier Wayne Hewitt għamel talba għall-kuntratt tas-sur Spanjol u staqsa għal xiex kienu l-pagamenti fil-PAS. Is-Sindku qal illi dan għamel ħafna manutenzjoni fis-sala, barra minn xogħolijiet oħra li kien hemm bzonn madwar ir-raħal.

7.3 Il-kunsillier Wayne Hewitt għamel talba biex isiru spot checks fuq is-sur Spanjol.

**Il-kunsilliera Graziella Schembri daħlet lutra fil-kamra tas-seduti fis-7.05pm**

7.4 Il-pagamenti kollha li kienu mniżżlin fuq l-iskeda ġew approvati.

## 8. Hwejjeġ Oħra

8.1 Il-kunsillier Jeremy Cardona ssuġerixxa li ssir spot light mal-bieb tal-librerija. Il-kunsilliera qablu.

8.2 Il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi hemm bzonn xogħol ta' manutenzjoni fil-librerija. Il-Kunsill qabel illi nieħdu ħsieb dawn ix-xogħolijiet. Il-Kunsill approva li jinxtara dehumydifyer għal-librerija.

8.3 Il-kunsillier Wayne Hewitt staqsa jekk kien hemm update rigward it-talba għall-jurisdiction ta' Manoel Island. Is-Sindku qal illi s'issa ma rċevejna xejn min-naħa tal-Gvern Ċentrali. Żied illi hemm ftehim illi se tkun magħluqa gaħll-pubbliku bejnj is-1am u s-6am . Fil-preżent hemm aċċess fil-weekends bejn it-8am u t-8pm. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi hu sema li se jkun miftuġħ ukoll nhar il-Ġimgħa.

8.4 Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi kien hemm miktub illi l-MIDI se jżommu lill-Kunsill responsabbli fżkaż illi persuni jidħlu fl-areas privati. Is-Sindku qal illi huam għandhom jieħdu ħsieb il-fencing. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi huma għandhom jipproteġu l-propjeta tagħhom.

8.5 Il-kunsillier Jeremy Cardona staqsa x'se jiġri vis-a-vis l-istage faċatta ta' Savoy. Is-Sindku qal illi qegħdin nieħdu ħsieb u żied illi għandna naraw illi hemm kenn f'kull stage fejn dan huwa possibli. Qed tinġabar stima għal dawn ix-xogħolijiet.

8.6 Il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi jħoss illi l-Kunsill għandu jieħu kull azzjoni possibli rigward is-sitwazzjoni bit-traffix lights fuq ix-Xatt. Is-Sindku qal illi għamel kuntatt mas-sur James Piscopo u qal illi TM se jieħdu ħsieb u hu ressaq talba biex jaħdmu normali bil-lejl. Il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi jħoss illi għandhom jaħdmu

normali l-ħin kollu u sab l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-kunsilliera Graziella Schembri qalet illi min ma jarax mhux se jkun jaf illi jista jaqsam u hemm periklu għal dawn l-individwi. Il-Kunsill qabel illi jintbagħat ittra lil TM u l-KNPD rigward dan.

8.7 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi hemm ħajt f'triq Ġanni Benċini fejn hemm ħajt fil-periklu li taqa. Talab illi nieħdu azzjoni.

8.8 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi hemm bzonn illi niżbru siġra li hemm f'dar privata fi triq Nazju Ellul u li qed toħroġ barra għat-triq.

**9. Laqgħa li jmiss**

9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm

9.1 Il-laqgħa li jmiss se jsir nhar it-Tlieta 18 t'Ottubru 2016 fil-5.30pm

9.2 L-accountant se jkun mistieden biex jiġi jagħti rendikont tal-aħħar quarter.

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Conrad Borg Manche**
**Sindku**